15 ta' Marzu, 1996

Imhallfin:-

S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL. D. - President
Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.
Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.

Dr. Alfred Mifsud

*versus*

Onor. Prim Ministru *et*

## Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Rikużazzjoni - Ġudikant - Bord tal-Qbejjel - Membri Tekniċi

*L-ilment tar-rikorrent twieled minn proċeduri quddiem il-Bord tal-Qbejjel għar-ripreża ta' għien mikri lilu. Id-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Qbejjel kienet ġiet annullata mill-Qorti ta' l-Appell u l-proċeduri reġgħu ġew għas-smigħ quddiem il-Bord tal-Qbejjel. Ir-rikorrent irrikuża lill-Maġistrat sedenti f'dak il-Bord u lill-membri tekniċi tiegħu billi dawn kienu ġa' esprimew opinjoni dwar il-kwistjoni jekk ir-raba' kienx saqwi ossia le. Il-Bord ċaħad dik ir-rikuża u r-rikorrent ġab proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili billi allega li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kien qiegħed jiġi vvjolat. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrent u ddikjarat li l-membri tekniċi u l-President ta' l-istess Bord għandhom ikunu differenti minn dawk li ppresjedew il-Bord fl-ewwel proċeduri. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-membri tekniċi tal-Bord kjarament kellhom* a pre formed opinion which is liable to weigh heavily in the balance *jew fi kliem ieħor għandhom dak il-preġudizzju li, anke jekk għandhom kull disposizzjoni li jagħmlu ġustizzja, ma jippermettilhomx jiġġudikaw* with an open mind *u b'dik l-imparzjalita' li wieħed għandu jistenna f'min hu msejjaħ biex jiġġudika l-każ tiegħu. Dan kien indipendenti mill-fatt jekk parti kinitx intitolata titlob ir-rikuża tal-ġudikant; il-kriterji tar-rikuża ta' ġudikant iridu jiġu interpretati fid-dawl ta' dak li hemm ipprovdut fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar smigħ xieraq.*

Il-Qorti:-

Dan hu rikors kostituzzjonali li bih ir-rikorrent ippremetta s-segwenti:

"Li huwa għandu bi qbiela l-fond f'Ħ'Attard bl-aċċess mill-bieb numru 16, Triq Ħaż Żebbuġ;

Li b'rikors quddiem il-Bord dwar il-kontroll tal-Kiri tar-Raba' nru. 46/1978 fl-ismijiet **Anthony Cassar Torreggiani** *et vs* l-Avv. **Dr. Alfred Mifsud**, is-sidien kienu talbu r-ripreża tal-pussess ta' l-istess fond. L-intimat oppona d-domanda, fost raġunijiet oħra, fuq il-bażi li l-fond in kwistjoni kien saqwi u għalhekk protett;

Li f'dak ir-rikors il-membri tekniċi tal-Bord, ċjoe' l-Perit Frederick H. Valentino u Anthony Mifsud, kienu għamlu relazzjoni formali (fol. 19) li biha ddikjaraw li l-fond in kwistjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala nofs-saqwi u mhux saqwi;

Li dan ir-rikors ġie tterminat b'sentenza ta' dak il-Bord tas-7 ta' Marzu, 1980 favorevoli għalih, għalkemm għal motivi differenti

Li, sussegwentement, il-proprjetarji ġodda għamlu rikors għar-ripreża tal-fond quddiem il-Bord għall-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' (rikors 41/B/87) fl-ismijiet **Rosario Magri** *et vs* **Dr. Alfred Mifsud** li fih ukoll huwa ssottometta illi l-fond in kwistjoni kien protett billi huwa saqwi;

Li dan ir-rikors ġie għas-smigħ quddiem il-Bord kompost mill-Maġistrat Dr. Gino Camilleri u mill-istess żewġ membri tekniċi, il-Perit Frederick Valentino u Anthony Mifsud li kienu ġa' ġġudikaw

formalment fil-proċedura anteċedenti, li l-fond in kwistjoni mhux saqwi, imma nofs-saqwi;

Li, in vista ta' dan, huwa għamel talba formali għar-rikużazzjoni ta' l-imsemmija żewġ membri tekniċi, liema eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-Bord kompost miċ-*Chairman* u miż-żewġ membri tekniċi b'sentenza tat-2 ta' Awissu, 1985. Il-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tal-25 ta' Jannar, 1988 annullat is-sentenza tal-Bord u rrimettiet il-proċess lill-Bord;

Li fil-Bord huwa reġa' rrikuża lill-imsemmija żewġ membri tekniċi, għall-istess raġuni u b'verbal tat-30 ta' Settembru, 1988, huwa rrikuża ukoll liċ-*Chairman* tal-Bord, fuq il-motiv li ċ-*Chairman* kien ġa' esprima ruħu fuq il-fondatezza o meno ta' dik l-eċċezzjoni ta' rikuża;

Li, b'sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1989, dak il-Bord ċaħad l-eċċezzjonijiet tar-rikuża kemm tal-membri tekniċi, kif ukoll taċ-*Chairman* stess;

Li, b'sentenza tad-29 ta' Marzu, 1991, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata u ddikjarat l-appell tiegħu frivolu u vessatorju u waħħlet spejjeż doppji;

Li għalhekk, issa l-kawża fil-Bord għandha tinstema' miż-żewġ membri tekniċi tal-Bord, li ġa' esprimew ruħhom formalment kontra l-eċċezzjoni prinċipali tiegħu fil-meritu (ara para. 3);

Li inoltre, iċ-*Chairman* li kien ġa' ċaħad l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni taż-żewġ membri tekniċi tal-Bord fis-sentenza tat-2 ta' Awissu, 1985, irrifjuta li jirrikuża ruħu milli jiddeċidi mill-ġdid

l-eċċezzjoni li kien ġa' ddeċieda, meta dik is-sentenza ġiet annullata mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar, 1988;

Li huwa ma jistax ikollu smigħ xieraq minn Tribunal imparzjali, meta qed jiġi ġġudikat minn żewġ membri tekniċi li ġa' esprimew il-fehma tagħhom (ċjoe' ġa' ppreġudikaw) l-eċċezzjoni prinċipali fil-meritu fil-proċeduri quddiem il-Bord;

Li anqas ma kellu smigħ xieraq quddiem Tribunal imparzjali meta ċ-*Chairman* tal-Bord li kien ġa' ddeċieda huwa l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni, irrifjuta li jirrikuża ruħu meta ġie biex jerġa' jiddeċidi l-istess eċċezzjoni wara li l-ewwel sentenza tiegħu kienet ġiet annullata mill-Qorti ta' l-Appell;

Li dan jikkostitwixxi ksur tad-*drittijiet fondamentali protetti* mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem";

Dan premess, ir-rikorrent appellat <u>talab</u>:

"Li din il-Qorti jogħġobha tagħtih ir-rimedji kollha xierqa biex tiżgura t-twettieq ta' l-imsemmija artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, *billi fost oħrajn (1) tiddikjara* illi l-membri tekniċi Perit Frederick Valentino u Anthony Mifsud, ma jistgħux joqgħodu biex jisimgħu u jiddeterminaw ir-rikors imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan ir-rikors billi (2) tiddikjara bħala ksur ta' l-imsemmija drittijiet fondamentali s-sentenzi fuq imsemmija li ma laqgħux ir-rikużazzjoni tagħhom (3) tiddikajra illi ċ-*Chairman* fuq imsemmi ma setax jerġa' jisma' u jiddetermina l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni taż-żewġ membri tekniċi wara li s-sentenza fuq dan il-meritu ġiet annullata *mill-Qorti ta' l-Appell* u li

għalhekk (4) *tiddikjara illi s-sentenzi fuq imsemmija mogħtija* mill-Bord fit-30 ta' Ġunju, 1989 u mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ġunju, 1991 huma nulli u bla effett u (5) tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu l-isjjeż ta' dawn il-proċeduri";

*L-intimati Magri u Mallia hekk issottomettew in risposta:*

"Li l-kwistjoni kostituzzjonali ssollevata mir-rikorrenti hi frivola u vessatorja in kwantu t-Tribunal adit fil-kawża **Rosario Magri** *et vs* **Avukat Alfred Mifsud** (Rikors numru 418/87) ma vvjolax *il-prinċipju magħruf tas-smigħ xieraq stabbilit fl-artikoli* 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni;

Li, inoltre, ma jeżisti l-ebda ksur ta' xi dritt fondamentali tar-rikorrenti bil-fatt li t-Tribunal ma laqax l-eċċezzjonijiet tiegħu dwar ir-rikużazzjoni in kwantu simili domanda la kienet serja u wisq anqas konfaċjenti mal-liġi. Anzi jista' jingħad li huma l-istess eċċipjenti li qed jiġu leżi lilhom id-drittijiet fondamentali minħabba d-dewmien esaġerat fl-eżitu tal-kawża;

Li l-ewwel eċċezzjoni verbalizzata mir-rikorrenti fit-18 ta' Frar, 1983 kienet tikkonċerna talba ta' rikużazzjoni tal-membri tekniċi tal-Bord in kwantu dawn ga' ħadu konjizzjoni tal-kwistjoni f'kawża preċedenti fl-ismijiet **Anthony Cassar Torreggiani** *et vs* **Av. Dr. Alfred Mifsud** deċiża mill-Bord fis-7 ta' Marzu, 1980;

Li talba simili riedet naturalment tiġi eżaminata fl-ambitu ta' dak li jiddisponi l-artikolu 734 tal-Kap. 12 fejn proprju nsibu elenkati r-raġunijiet għar-rikuża jew astensjoni ta' Mħallef;

Minn eżami ta' ġurisprudenza antika u kostanti ma jidhirx *illi*

l-eċċezzjoni hekk issollevata kienet ġustifikata. Kif osservat mill-Imħallef Xuereb fis-sentenza **Caruana** *vs* **De Piro** (*15 ta' Mejju,* 1989 a Vol. XII p.241) l-użu fil-liġi tal-kelma "kawża" ppreċeduta mill-artikolu determinattiv ("il-kawża") juri li l-liġi kkontemplat kawża determinata li ma tistax tkun ħlief il-kawża pendenti, *molto piu'* in vista tal-kliem spjegattivi aġġunti mil-liġi riferibbilment għal-limitazzjoni tal-każijiet ta' rikuża għall-Imħallef li *jkun "qata'"* definittivament il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet". Teżisti skorta oħra ta' sentenzi f'dan l-istess sens, senjatament App. Ċiv. **Gauci** *vs* **Gatt**, 16 ta' Novembru, 1967; **Walter Agius** *noe vs* **Onor. Dott. Alf. Parnis** a Vol. XXXVII P.I., p.157; **Vallone** *vs* **Mifsud** a Vol. VIII p. 728;

Fil-każ ipprospettat quddiem il-Bord l-intimat ma setax jirnexxi għalhekk li jipprova l-elementi bażiċi fil-każijiet konsimili u ċjoe' (a) l-istess kawża (b) l-istess Imħallef u (ċ) li dan l-Imħallef iddeċieda definittivament xi parti mill-meritu ta' l-istess kawża;

Li in vista tal-premess, ir-rikorrenti ma jistax jilmenta issa illi t-Tribunal adit huwa imparzjali, ġaladarba:

Il-Liġi fil-Kodiċi ta' Organzizzazzjoni u Proċedura Ċivili tipprovdi għall-każijiet hemm tassattivament elenkati meta Mħallef jew membru ieħor ta' xi Tribunal - li għalihom *il-liġi speċjali* tiddisponi espressament - ikun jista' jiġi rrikużat;

It-Tribunal applika t-test tad-disposizzjoni proċedurali għall-każ u xejn aktar;

Il-ġudikat mogħti, eżaminat obbjettivament, ma ddeterminax *the civil rights and obligations* tar-rikorrent fl-ipotesi pprospettata

fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Ma ġiet espressa l-ebda fehma fil "**kawża**" b'favur jew disfavur għal xi wieħed mill-kontendenti, li b'riżultat ta' hekk għandu jintitola issa din il-Qorti tiddikjara, kif qed tintalab, illi l-Bord huwa "parzjali";

Konsegwentement, hi l-umli fehma ta' l-eċċipjenti li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż";

Rat ir-risposta ta' l-Onor. Prim Ministru li biha espona:

"Li, l-ewwelnett, wieħed irid jara l-motivazzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Marzu, 1991 fejn ikkonfermat iċ-ċaħda tar-rikuża mill-Bord. Dan jingħad għaliex il-kwistjoni tar-rikuża ġiet riveduta u kkonfermata minn Qorti indipendenti u imparzjali;

Li jidher illi t-talba u determinazzjoni tar-rikuża tal-membri tal-Bord saret pjenament in konformita' mal-liġi viġenti *in materia* li tippostula ukoll illi l-ġudikant għandu jkun huwa stess illi jiddeċidi jekk jastjenix jew le u dik il-liġi b'ebda mod m'hija qiegħda tiġi kkontestata;

Li, b'danakollu, minkejja ċ-ċaħda tat-talba għar-rikuża, ma jidhrix illi r-rikorrent sofra xi preġudizzju sostanzjali jew xort'oħra fil-proċeduri relattivi quddiem il-Bord";

L-ewwel Qorti hekk fil-qosor elenkat il-ġrajjiet li taw lok għar-rikors promotorju u li sewwa li jiġu rriportati in kwantu jagħtu l-isfond ta' fatt li fuqhom trid tiġi determinata l-vertenza jew almenu

dik il-parti minnha li għadha veljanti;

"Illi brevement il-fatti li taw lok għal din l-istanza huma s-segwenti: ir-rikorrenti għandu bi qbiela ġnien jew ġardina fi Triq Ħaż Żebbuġ, Ħ'Attard li tidħol għaliha minn bieb bin-numru 16. Huwa kien issubixxa proċeduri quddiem il-Bord tal-Qbejjel meta l-proprjetarji kienu persuni differenti minn dawk odjerni u qiegħed jissubixxi l-istess proċeduri, fil-preżent, intentati mill-intimati Magri u Mallia u li għandhom ukoll l-istess skop, dak ċjoe` li jirriprendu pussess ta' dan il-ġnien lokat għand ir-rikorrenti. Fiż-żewġ rikorsi - dak ta' allura u dak pendenti - il-kawżali kienet u hi waħda: li riedu l-ġnien għall-iskop ta' kostruzzjoni ta' bini;

Fl-ewwel proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu, ir-rikorrenti (intimat quddiem il-Bord tal-Qbejjel) kien oppona għat-talba billi eċċepixxa li l-ġnien in kwistjoni kien jaqa' fid-definizzjoni ta' raba' "saqwi" - difiża li, kif huwa risaput, jekk tirriżulta fondata tkun ta' ostakolu għar-ripreża mitluba permezz tar-rikors;

Ġara li f'dawn l-ewwel proċeduri, il-membri tekniċi tal-Bord, l-A.I.C. Frederick H. Valentino u Anthony Mifsud, fir-relazzjoni tagħhom, li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 21, waslu għall-konklużjoni li l-ġnien (ġnejna) "... tista' tiġi kkunsidrata bħala nofs saqwi, imma mhux saqwi". Madankollu, l-Bord ċaħad it-talba għar-ripreża ta' dan il-ġnien għaliex ir-rikorrenti ma kinux ippruvaw li kellhom bżonn il-ġardina biex jibnu fuqha;

Fil-15 ta' Mejju, 1981, l-intimati Magri u Mallia, li saru l-proprjetarji ġodda ta' dan il-ġnien, intavolaw it-tieni rikors kontra r-rikorrenti u talbu lill-Bord jawtorizzahom jirriprendu pussess ta' dan il-ġnien billi kellhom bżonnu biex jibnu fuqu. Din id-darba,

pero' r-rikorrenti, permezz ta' l-avukat tiegħu, talab ir-rikuża taż-żewġ membri tekniċi tal-Bord fuq imsemmija għar-raġuni li dawn kienu diġa' esprimew opinjoni fuq in-natura tal-fond, ċjoe' li l-ġnien ma kienx raba' saqwi. Din il-kwistjoni jidher li ġiet dibattuta ħafna u fit-2 ta' Ottubru, 1985 il-Bord ċaħad it-talba. Sar appell da parti tar-rikorrenti u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, b'sentenza tal-25 ta' Jannar, 1988, annullat l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord u reġgħet irrimettiet l-atti tal-proċess quddiem l-istess Bord għall-kontinwazzjoni. Dak li ġiegħel lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tannulla din id-deċiżjoni tal-Bord kien il-fatt li, skond il-liġi, deċiżjoni dwar ir-rikuża ta' membri tal-Bord għandha *tittieħed* mill-President, mentri fil-każ in kwistjoni d-deċiżjoni kienet tal-Bord kif kompost;

Meta l-atti kienu quddiem il-Bord mill-ġdid, il-partijiet irriafermaw l-istess posizzjoni tagħhom u l-Bord jew aħjar il-President tal-Bord reġa' ċaħad it-talba għar-rikuża tal-membri tekniċi tal-Bord avvanzata mir-rikorrenti, intimat f'dik il-proċedura. Reġa' sar appell minn din id-deċiżjoni da parti tar-rikorrenti u din id-darba l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ċaħditu fuq il-motiv li minn deċiżjoni bħal dik tal-President tal-Bord m'hemmx appell;

Għalhekk, l-atti tar-rikors reġgħu ntbagħtu quddiem il-Bord għall-kontinwazzjoni u r-rikorrenti rreaġixxa billi ppreżenta nota li biha eċċepixxa illi l-preżenza taż-żewġ membri tekniċi tal-Bord fil-kawża hi vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*European Convention of Human Rights* peress illi huma ġa' esprimew opinjoni li l-ġnejna in kwistjoni mhix saqwi (ara relazzjoni tagħhom fol. 19 fil-kawża **Anthony Cassar Torreggiani** *et vs* **Avukat Dr. Alfred Mifsud** deċiża fis-7 ta' Marzu, 1980). In segwitu, l-Bord ġie infurmat li ġie intavolat ir-rikors odjern u pendenti din il-

proċedura ddiferixxa l-kawża";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala Qorti ta' kompetenza oriġinali f'materja ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali sanċiti kemm bil-Kostituzzjoni kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem hekk iddeċidiet:

"Għalhekk din il-Qorti jidhrilha illi r-rikorrenti huwa ġustifikat jitlob dikjarazzjoni li l-imsemmijin membri tekniċi tal-Bord Perit Frederick Valentino u Anthony Mifsud m'għandhomx joqogħdu biex jisimgħu u jiddeterminaw ir-rikors imsemmi fil-paragrafu ħamsa (5) ta' dan ir-rikors billi dan ikun jammonta għall-ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk, filwaqt li tilqa' din it-talba tiegħu, qiegħda tordna li l-istess rikors ikompli jinstema' u jiġi deċiż mill-istess Bord li jkun kompost minn membri tekniċi oħra u biex proprju tassigura li ġustizzja mhux biss issir iżda tidher li qiegħda ssir tordna ukoll li, għas-smigħ u deċiżjoni ta' l-istess rikors, il-Bord ikun ippresjedut minn President ieħor;

Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet l-oħra, pero` din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqagħhom. Kif intqal, kien biss wara li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tar-rikorrenti li tqajmet il-kwistjoni ta' l-inkostituzzjonalita` ta' l-aġir ta' l-imsemmijin membri tal-Bord u sa ma ngħatat din is-sentenza l-kwistjoni tar-rikuża ta' l-imsemmijin membri tekniċi tal-Bord kienet qiegħda tiġi dibattuta fil-parametri ta' l-artikolu 734 tal-Kap. 12 u d-deċiżjonijiet tal-Bord u ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienu limitati għal din il-kwistjoni. Fit-tieni lok, il-Qorti ma tqisx dawn id-dikjarazzjonijiet bħala rimedji kemm għaliex ir-rimedju li diġa` ordnat hawn fuq

huwa suffiċjenti biex tiżgura li r-rikorrenti jkollu *a fair hearing*, kif ukoll għaliex ir-rikorrenti seta' jadixxi lil din il-Qorti biss wara li jkun eżawrixxa l-mezzi l-oħra kollha u dawk is-sentenzi li huwa qiegħed jitlob li jiġu ddikjarati nulli huma l-istess mezzi li huwa eżawrixxa qabel ma intavola l-preżenti rikors;

L-ispejjeż stante n-natura tal-punt involut u n-novita' tiegħu, jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet ċjoe' nofs jitħallsu mir-rikorrenti u n-nofs l-ieħor jitħallsu mill-intimati";

L-ewwel Qorti hekk iddeliberat u ddeċidiet fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Kjarament, għalhekk, l-element ta' inkostituzzjonalita' u ta' ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja ġie introdott għall-ewwel darba, f'din il-viċenda, wara li l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Qbejjel kienu inoltrati u sewwa sew wara li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni ta' l-istess Bord minħabba l-irritwalita' ta' l-istess appell;

Kif jidher, ir-rikorrenti qiegħed jibbaża l-ilment tiegħu f'din il-proċedura fuq ir-relazzjoni li l-membri tekniċi tal-Bord kienu għamlu meta l-ewwel rikors kontra tiegħu kien għadu pendenti quddiem l-istess Bord. F'din ir-relazzjoni, l-A.I.C. Frederick Valentino u Anthony Mifsud, kienu esprimew ruħhom hekk:

"Il-membri tekniċi tal-Bord, wara li eżaminaw il-fond in kwistjoni li fih madwar 60 siġra taċ-ċitru, raw li l-bir li hemm, li minkejja x-xita li għamlet din ix-xitwa fih biss xi ftit piedi ilma u wara li semgħu li l-intimat isaqqi biss tliet darbiet fis-sajf, jidhrilhom li l-ġnejna tista' tiġi kkunsidrata bħala nofs saqwi, imma mhux

saqwi";

Din l-opinjoni, hekk espressa, fil-fehma tar-rikorrenti, rrendiet lill-imsemmijin żewġ membri tekniċi tal-Bord inidonei li jkomplu jisimgħu l-kawża tiegħu quddiem l-istess Bord billi ma jistgħux ikunu imparzjali fid-determinazzjoni tal-kwistjoni bejn il-partijiet u b'hekk ir-rikorrenti mhux ser ikollu l-*fair hearing* li huwa dritt garantit lilu kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja;

L-intimati f'din il-proċedura ma jaċċettawx il-possibbilita' ta' dan il-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni bil-fatt li ż-żewġ membri tal-Bord baqgħu jifformaw parti mill-komposizzjoni tal-Bord tal-Qbejjel wara li r-rikorrenti uża l-mezzi kollha biex jikkostringihom jastjenu milli jkomplu jisimgħu l-kawża tiegħu u l-argument li huma (l-intimati) jressqu in sostenn ta' din il-posizzjoni tagħhom huwa identiku għal dak miġjub mill-Bord innifsu, jiġifieri li t-talba tar-rikuża ma taqax taħt l-ebda wieħed mill-każi tassattivament annoverati fl-artikolu 734 tal-Kap. 12 u jkomplu jżidu, fis-sottomissjonijiet tagħhom, li tali rikuża lanqas m'hija kkonsentita mill-ġurisprudenza kopjuża li interpretat din id-disposizzjoni partikolari tal-liġi u li, skond l-aħħar deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja, lanqas m'hemm ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta t-talba għar-rikuża ta' ġudikant ma tkunx ikkonsentita mil-liġi domestika tal-pajjiż;

Huwa veru li parti sewwa mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja li huma jiċċitaw jissufragaw lill-intimati f'din l-aħħar sottomissjoni tagħhom u huwa ukoll indubitat li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fir-rigward ta' l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-artikolu preċitat ma setgħetx tgħin lir-rikorrenti fit-talba tiegħu

għar-rikuża taż-żewġ membri tekniċi;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, wara s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Onor. Lawrence *sive* Lorry Sant *vs* Kummissarju tal-Pulizija** mogħtija fit-2 ta' April, 1990 u dik aktar reċenti, fl-ismijiet **Frank Cachia *vs* Onor. Prim Ministru** *et* deċiża fl-10 ta' Ottubru, 1991 mill-istess Onorabbli Qorti, ma jistax jingħad li l-posizzjoni legali hija dik imfissra mill-intimati;

Jingħad li, fl-ewwel sentenza, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fuq l-iskorta tal-każ *De Cubber* deċiż fis-26 ta' Ottubru, 1984 mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn kien qiegħed jiġi sottomess li l-*investigating Judge* ma jkun esprima ebda opinjoni dwar il-ħtija ta' l-akkużat u ġie ritenut li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ***inter alia*** għar-raġuni li dak il-ġudikant kellu *a particular detailed knowledge of the file* u, għal din ir-raġuni, seta', f'għajnejn l-akkużat, kellu *a preformed opinion which was liable to weigh heavily in the balance*, waslet għad-deċiżjoni li meta l-Maġistrat Inkwirenti, li fis-sistema proċedurali tagħna għandu l-obbligu li jesprimi l-konklużjonijiet tiegħu u l-proċess verbal li hu jirrediġi u jiffirma jista' jingħata bħala prova, jkun l-istess wieħed li jippresjedi fil-Qorti Istruttorja, jkun hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u kompliet tgħid li l-Maġistrat sedenti f'Qorti Istruttorja jkun irid jagħti deċiżjoni jekk jidhirlu li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali iżda tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u, għalhekk, *jekk ikun ta l-konklużjonijiet tiegħu* f'proċess verbal bħala Maġistrat Inkwirenti , huwa ovvju li jkun hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi, stante li jkun diġa` ta dawk il-konklużjonijiet tiegħu bħala Maġistrat

Inkwirenti, ma jkunx jista' jingħad li huwa indipendenti u imparzjali meta jiġi biex jagħti d-deċiżjonijiet li trid il-liġi mill-Qorti Istruttorja;

Huwa interessanti ukoll li wieħed jirrileva li quddiem dik l-Onorabbli Qorti kien qiegħed jiġi sottomess li l-liġi kriminali fl-artikolu 368 tagħmila ċara li l-Maġistrat li jkun għamel l-investigazzjoni ma jistax jiġi rrikużat meta jgħaddi għas-sentenza minn rajh (artikolu 403) jew wara deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali (artikolu 433 (5)) u li, għalhekk, il-prassi sa dakinhar segwita kienet legali **in kwantu ssegwi l-ispirtu u l-kelma espressa tad-disposizzjonijiet relattivi**. Madankollu, l-Onorabbli Qorti ma ħassitx in-neċessita` li tidħol fil-kwistjoni ta' l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 368 jew fi kwistjonijiet oħra;

Fil-każ l-ieħor, dak ċjoe` fl-ismijiet **Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru** ***et***, deċiż mill-istess Onorabbli Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1991, il-kwistjoni li kellha quddiemha kienet tixbah sewwa lil dik in diżamina għaliex ir-rikorrenti kien qiegħed jinvoka l-ksur tad-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq minħabba li l-kawża li kien talab ir-ritrattazzjoni tagħha, fuq il-motiv li kienet saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, ġiet appuntata għas-smigħ quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell komposta mill-istess Imħallfin li ddeċidew l-ewwel sentenza;

L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni li dik il-parti ta' l-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn hemm ipprovdut illi "jistgħu joqogħdu l-istess Imħallfin jew Maġistrati" li jkunu taw is-sentenza li tkun attakkata minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi ma kinitx konsona ma' dak li tipprovdi l-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward ta' "smigħ xieraq" u għaddiet biex tiddikjaraha inkonsistenti ma' dak li jiddisponi l-

artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali msemmi fl-Ewwel Skeda li hemm ma' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu jipprovdi għall-imparzjalita` tat-tribunali imsemmijin fl-istess artikolu;

Fost il-motivazzjonijiet ta' l-istess sentenza, wieħed isib li l-Onorabbli Qorti kkunsidrat li ġudikant li jkun applika l-liġi għall-fatti fis-sentenza ma jistax jitqies ġudikant "imparzjali" meta, f'kawża ta' ritrattazzjoni, huwa stess jiġi biex jiddekreta solennement illi dik tiegħu kienet "applikazzjoni ħażina tal-liġi" għal dawk l-istess fatti. Ċertament, kompliet tgħid l-istess Qorti, il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni għal raġuni bħal din mill-ewwel se jkun jidhrilha illi ġustizzja magħha minn dak il-ġudikant diffiċilment sejra teħodha u mill-banda l-oħra, il-parti opposta sejra tħares illi hija sa mill-bidu tal-litigazzjoni qiegħda b'vantaġġ fuq il-parti l-oħra għaliex mhux sejjer ikun daqshekk faċili għall-ġudikant li jaċċetta li huwa stess kien applika ħażin il-liġi għall-imsemmijin fatti;

Konsiderazzjoni oħra ta' l-istess Onorabbli Qorti kienet li, tħares minn fejn tħares lejn il-kwistjoni, fil-verita`, tkun kemm tkun sejra ssir ġustizzja minn dan il-ġudikant, "la f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali ma "jkun jidher illi ġustizzja qiegħda ssir"". Biex tiġi skansata kontinġenza ta' din ix-xorta, kompliet tgħid, ikun aħjar illi kawża ta' ritrattazzjoni tax-xorta ta' dik ikkontemplata f'din is-sentenza ma tiġix fdata f'idejn l-istess ġudikant li jkun ta d-deċiżjoni li fuqha jkun hemm l-ilment li ssemma;

Jidher, għalhekk, illi l-preokkupazzjoni ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fiż-żewġ każi kienet anke ddettata minn dak li tista'

*tħoss parti waħda fil-ġudizzju ċjoe` s-sens li l-akkużat, fl-ewwel* każ, jista' jħoss li l-ġudikant kellu *a preformed opinion which was liable to weigh heavily in the balance* u, fit-tieni każ, li l-parti li titlob ir-ritrattazzjoni "mill-ewwel se jkun jidhrilha illi ġustizzja minn dak il-ġudikant difficilment sejra teħodha". Jingħad ukoll illi karatteristika komuni fiż-żewġ każi kienet li l-Maġistrat, fl-ewwel każ, ma kienx obbligat jirrikuża ruħu skond il-liġi u *l-Imħallfin*, fit-tieni każ, setgħu joqogħdu biex jisimgħu r-ritrattazzjoni. Kwindi, fiż-żewġ każi, mhux biss ma kienx hemm ksur ta' xi liġi proċedurali domestika iżda kien hemm obbidjenza sħiħa mad-dettami tal-liġi;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ta' l-ogħla Qorti fil-pajjiż jiftħu l-bibien beraħ għall-konsiderazzjoni tal-lanjanzi miġjuba quddiem din il-Qorti. Dak li huwa importanti, pero`, huwa li l-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ma tirrisolvix ruħha f'eżerċizzju akkademiku ***in abstracto*** iżda li dan ikun wieħed ***in concreto***;

Jibda biex jingħad illi r-rikorrenti qiegħed jissubixxi t-tieni proċedura fil-Bord tal-Qbejjel li hija mmirata biex twassal għall-iżgumbrament tiegħu minn ġnien li għalih, ovvjament, għandu ċerta għożża. Fl-ewwel proċedura, kienu l-proprjetarji oriġinali li ppruvaw jiżgumbrawh u ma mexxielhomx għaliex ma kinux huma li kien sejrin jiżviluppawh għall-bini. Għalhekk, ovvjament, huma biegħu dan il-ġnien lill-intimati biex jintentaw il-proċeduri direttament huma u għalhekk dak li qabel kien ostakolu - in-nuqqas ta' bżonn għall-iżgumbrament tar-rikorrenti issa żvanixxa għaliex l-iżvilupp sejjer isir minnhom, kif jidher mill-permessi relattivi esebiti quddiem il-Bord. Kwindi, issa l-iżgumbrament tar-rikorrenti minn dan il-ġnien jiddependi unikament minn fattur wieħed; jekk dan il-ġnien jistax jiġi kkunsidrat bħala raba` saqwi u, għalhekk,

in ultima analiżi, jekk il-fond huwiex protett mil-liġi. Jekk mhuwiex saqwi allura huwa bagħli u, għalhekk, ma jsibx il-protezzjoni tal-liġi u jrid jiġi rrilaxxjat lis-sid li jkun bi ħsiebu jibni fuqu;

Il-liġi relattiva, l-Att XVI ta' l-1967, ma tagħti l-ebda definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi raba' saqwi. Dan in-nuqqas, pero', huwa attenwat b'ċerti *guidelines* li ngħataw mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, b'mod approfondit, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **George Galea *et vs* Antonio Xuereb** deċiża fis-17 ta' Jannar, 1984;

F'dan il-ġudikat, l-imsemmija Onorabbli Qorti, esprimiet ruħha fis-sens li biex raba' jkun jista' jissejjaħ "saqwi" jeħtieġ li jkollu fuq il-post ħażna ta' ilma jew inkella jkun attrezzat b'mod permanenti li jista' jieħu ilma biex jiġi applikat għat-tkabbir ta' l-uċuħ is-sena kollha u speċjalment fix-xhur tas-sajf, u għal dan l-iskop kull tomna raba' teħtieġ mhux anqas minn mitejn elf (200,000) gallun ilma fis-sena u dan, salv li minn każ għal każ, minħabba d-diversi fattispeċji li jista' jkun hemm, ikun hemm il-ħtieġa ta' korollari oħra, għandu jservi ta' gwida;

Dak li joħroġ ċar minn din id-definizzjoni huwa li meta wieħed jiġi biex jiddetermina jekk ir-raba' huwiex saqwi wieħed għandu jikkonsidra r-raba' fil-kejl tiegħu kollu b'mod li, fil-kalkoli ta' min huwa msejjaħ biex jiġġudika, kull tomna raba' għandha titqies li teħtieġ mhux anqas minn mitejn elf (200,000) gallun ilma fis-sena;

Issa, fil-każ in eżami, iż-żewġ membri tekniċi tal-Bord li, fir-relazzjoni tagħhom iddeċidew li l-ġnien in kwistjoni "mhux saqwi" jidher li ma segwewx dan l-insenjament in materia. Infatti, huma, fl-istess nifs waslu li l-ġnien kien "nofs saqwi, imma mhux saqwi",

mingħajr ma taw il-kejl tiegħu. Dan juri li f'moħħ l-istess membri tekniċi l-kejl jew kapaċita` tal-ġnien ma kienx fattur li wieħed għandu jikkonsidra meta jiġi biex jivvaluta l-ħażna ta' l-ilma li tkun teżisti fir-raba`. Dan ifisser li għamlu apprezzament ħażin u anke applikazzjoni ħażina tal-liġi bir-riżultat li d-deċiżjoni tagħhom kienet dik li effettivament kienet, ċjoe` li l-ġnien ma kienx saqwi;

Ma jistax ikun hemm ebda dubbju li meta l-intimati intavolaw ir-rikors għar-ripreża ta' dan il-ġnien huma kienu konsapevoli li l-istess membri tekniċi kienu diġa` esprimew *ruħhom* fis-sens fuq aċċennat u, għalhekk, kellhom żgur il-konvinċiment sod li biex jimexxu kull ma kien fadlilhom jagħmlu kien li japplikaw għall-permessi tal-bini u jottjenuhom, kif fil-fatt sar;

Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti (intimat quddiem il-Bord) ma setax ma jħossx, mill-bidu nett tal-proċedura, li kien diffiċli għalih, jekk mhux impossibbli ukoll, li jieħu ġustizzja fil-każ tiegħu minħabba li dawn il-membri tekniċi tal-Bord ma setgħux ikunu imparzjali għaliex kienu diġa` esprimew ruħhom fuq punt li huwa kruċjali għall-eżitu tal-kawża;

Kjarament, għalhekk, hawnhekk huwa l-każ li l-membri tekniċi tal-Bord għandhom *a preformed opinion which is liable to weigh heavily in the balance* jew, fi kliem: ieħor għandhom dak il-preġudizzju li, anke jekk għandhom kull disposizzjoni li jagħmlu ġustizzja, ma jippermettilhomx jiġġudikaw *with an open mind* u b'dik l-imparzjalita` li wieħed għandu dritt jistenna f'min huwa msejjaħ biex jiġġudika fil-kawża tiegħu;

Għandu jingħad illi l-Bord tal-Qbejjel, kif kompost, japprezza dan kollu għaliex, f'każ sussegwenti għal dan in diżamina li ġie

quddiemu, ħass li kellu jastjeni milli jerġa' jiddeċidi dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Bord wara li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet annullat sentenza ta' l-istess Bord li biha kien ċaħad l-istess eċċezzjoni; u dan għalkemm l-istess Bord kien tal-fehma li ma kienx hemm każ għar-rikuża tal-membri tal-Bord *iżda kien opportun li l-ġustizzja mhux biss issir iżda tidher li qiegħda* ssir";

Minn din is-sentenza appellaw kemm Rosario Magri u John Mallia kif ukoll l-Onor. Prim Ministru;

Il-Qorti jidhrilha doveruż li tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet preġudizzjali:

Ir-rikors quddiem il-Bord għall-Kontroll tar-Raba' li l-**meritu** tiegħu hu pjuttost wieħed li jippreżenta ftit diffikulta in kwantu jinvolvi li jiġi deċiż jekk jeżistux ċirkostanzi fil-liġi li jintitolaw lis-sidien l-appellanti Magri u Mallia li jirriprendu fond mogħti bi qbiela lill-inkwilin appellat, dieħel issa fl-għaxar sena tiegħu. Sal-lum għadu qed jiġi diskuss x'għandha tkun il-komposizzjoni tal-Bord li għandu jiddeċidi r-rikors li fih innifsu hu suppost intiż bħala proċedura spedita li ssir bl-inqas formalita'. Sitwazzjoni għal kollox inaċċettabbli. Anke għaliex il-perkors taż-żmien jirrażenta fih innifsu vjolazzjoni oħra tad-dritt fondamentali l-ieħor **tal-kontendenti** għal smigħ xieraq **fi żmien raġonevoli**;

Din il-maratona ta' proċeduri preliminari - li fil-fehma tal-Qorti setgħet ġiet u kellha tiġi evitata - oriġinat mir-rifjut ta' rikuża taż-żewġ membri tekniċi tal-Bord - il periti Valentino u Mifsud - li jisimgħu l-meritu ta' dak ir-rikors billi huma kienu - skond ir-rikorrent appellat - "esprimew ruħhom formalment kontra l-

eċċezzjoni prinċipali tiegħu fil-meritu";

Dana f'rikors li kien sar preċedentement, ukoll għall-iżgumbrament tal-preżenti inkwilin biss mis-sidien ta' qabel. Is-sentenza appellata iddeċidiet illi dan kien "kjarament il-każ li l-membri tekniċi tal-Bord għandhom a *preformed opinion which is liable to weigh heavily in the balance*, jew fi kliem ieħor għandhom dak il-preġudizzju li, anke jekk għandhom kull disposizzjoni li jagħmlu ġustizzja, ma jippermettilhomx jiġġudikaw *with an open mind* u b'dik l-imparzjalita' *li wieħed għandu dritt jistenna f'min* hu msejjaħ biex jiġġudika l-każ tiegħu". Konsiderazzjoni ġusta f'waqtha u inċiżiva li din il-Qorti tikkondividi u li ma tarax kif wieħed jista' jasal għal konklużjoni diversa. Sa hawn is-sentenza appellata hi ġusta u minnha wieħed irid neċessarjament jislet il-konsegwenzi ġuridiċi li jinċidu fuq id-dritt li l-appellant għandu għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali;

Kif hi ġusta u korretta l-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi waslet għal dan l-apprezzament u din il-konklużjoni, indipendentement mill-fatt jekk iċ-ċirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuża tal-ġudikant skond il-liġijiet ta' proċedura. Il-parametri ta' dawk il-liġijiet għandhom jitqiesu li twessgħu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu s-smigħ xieraq. Iridu għalhekk jiġu interpretati fl-ispirtu tagħhom u fid-dawl tal-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja;

Huma korretti mill-banda l-oħra l-appellanti meta jissottomettu illi ma kienx kompitu tal-Prim'Awla f'din is-sentenza li tiddelibera u tagħti opinjoni dwar jekk il-membri tal-Bord irrikużati kinux taw interpretazzjoni tajba jew ħażina tat-terminu "saqwi" u jekk ir-raba'

meritu tal-kawża kienx hekk jew le. Importanti għall-fini tal-meritu ta' din l-istanza kostituzzjonali hu, li dawk il-membri tekniċi tal-Bord esprimew opinjoni li direttament tinċidi fuq il-meritu li huma kien għad iridu jiddeliberaw u jiddeċidu f'dik il-kawża. Mhix preċiża s-sottomissjoni ta' l-appellanti pero' *illi l-opinjoni li esternaw* il-membri tekniċi **qua komponenti** tal-Bord kienet biss konstatazzjoni teknika. Dan għax hu ovvju illi tali opinjoni għandha ukoll kontenut legali tant li l-istess membri tekniċi tal-Bord ikkwalifikaw ir-raba' - li hu l-istess fond meritu ta' dan ir-rikors - bħala kważi saqwi. Figura li tidher li **teskludi** r-raba' mid-definizzjoni ta' saqwi, **ma tinkludihx** fid-definizzjoni ta' raba' mhux saqwi, u fl-istess ħin toħloq figura ġdida **bħala fatt** u **bħala dritt** li l-liġi ma jidhirx li tikkontempla. Espressa din il-fehma debitament immotivata mill-periti tekniċi, il-Qorti ma tarax kif l-istess membri tekniċi jistgħu jaslu għal opinjoni diversa, jew kif din ma tistax titqies li hi, ppreġudikata fis-sens litterali tal-kelma;

Dan kollu premess u stabbilit, waqt li din il-Qorti tifhem li s-sentenza appellata tirriżulta sostanzjalment korretta;

Jihder li din il-kawża ġiet sorpassata bl-eventi għal dak li hu l-effett prattiku tagħha. Dan għaliex:

Fl-ewwel lok iċ-*Chairman* tal-Bord li ddelibera u ta s-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1993, il-Maġistrati Gino Camilleri, ġie elevat għall-ġudikatura u ma jistax allura f'kull każ jieħu konjizzjoni tal-meritu tar-rikors;

Il-**komposizzjoni** tal-Bord li *Jirregola l-Kiri tar-Raba'* inbidlet bl-Att Nru. XIX ta' l-1993. Bis-saħħa ta' dan l-Att, il-membri tekniċi ma baqgħux aktar jifformaw parti mill-istess Bord,

l-emenda tipprovdi illi: "il-Bord ikun magħmul minn *Chairman* li jkun Maġistrat" (artikolu 5 subinċiż (2));

Skond is-subinċiż 4 ta' l-istess artikolu l-Prim Ministru għandu jaħtar żewġ listi, waħda ta' Arkitett u Inġinier Ċivili u l-oħra ta' nies li jkunu kompetenti u jifhmu f'affarijiet ta' raba'. Skond is-subinċiż 8 ta' l-istess artikolu "kull meta jkun hemm kwistjoni quddiem il-Bord (kif komposta allura biss miċ-*Chairman* tkun teħtieġ l-istima ta' xi raba' jew kull fehma teknika oħra, iċ-*Chairman* għandu jassenja membru minn kull lista "biex jagħmlu rapport liċ-*Chairman* jew waqt is-seduta jew fir-Reġistru tal-Bord". It-tekniċi hekk assenjati allura għandhom il-funzjoni ta' periti tekniċi. Jiġi nnotat pero', għax dan hu rilevanti, illi ċ-*Chairman* "ikun biss **obbligat** li joqgħod fuq ir-rapport taż-żewġ membri tekniċi ... meta r-rapporti jkunu unanimi" (subinċiż 3 ta' l-artikolu 9 ta' l-istess Att kif emendat). Dan ifisser li meta jkun hemm unanimita' ta' membri tekniċi - fuq l-aspett tekniku limitat lilhom riferit - dan għandu effett determinanti fuq il-ġudizzju taċ-*Chairman* u l-Bord obbligat li jsegwihom. Jibqa' allura impellenti r-rekwiżit ta' l-imparzjalita' tagħhom fis-smigħ tar-rikors;

Bħala konsegwenza ta' dan l-Iżvilupp leġislattiv jidher li hemm lok għal modifika marġinali fis-sentenza appellata biex jiġi assigurat smigħ xieraq lill-appellat u dan anke fir-rigward tar-rimedji mogħtija skond kif mitlub. Dan fis-sens li m'għadx hemm lok għall-provvediment fir-rigward taċ-*Chairman* tal-Bord kif ukoll illi fir-rigward tal-membri tekniċi, mhux aktar il-każ li jiġi ordnat li l-Bord li jisma' r-rikors ikun kompost minn membri tekniċi li ma jkunux dawk li għalihom l-appellat ġustament oppona. Dan għax kif ingħad il-Bord m'għandux komposizzjoni ta' membri tekniċi. Mill-banda l-oħra hi flokha d-direzzjoni li ċ-*Chairman* tal-Bord, li

eventwalment *jisma'* r-rikors, illi fl-għażla tal-persuni tekniċi li għandu jagħżel biex jassistuh - jekk hu l-każ - hu m'għandux jinkludi lill-Periti Frederick Valentino u Anthony Mifsud, dejjem sakemm dawn huma attwalment inklużi fil-listi ta' dawk innominati *mill-Prim Ministru a tenur ta' l-Att XIX ta' l-1993. Dan biex tiġi* assigurata t-trasparenza u l-apparenza sħiħa ta' smigħ xieraq;

L-appellat appella inċidentalment. Bir-rispett ma jirriżultax li dan l-appell hu b'xi mod immotivat u hu mank mir-rekwiżiti essenzjali li trid il-liġi. Hu infatti limitat biss għad-domanda li s-sentenza appellata tiġi "rriformata in kwantu ċaħdet id-domandi l-oħra, billi tilqa' d-domandi kollha tiegħu". Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'inhu l-aggravju fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fejn ċaħditlu talbiet għal rimedji partikolari. Fil-verita`, kif hu risaput, in materja ta' rimedju għal-lanjanzi kostituzzjonali, il-parti leża tista' biss tindika dak li jidhrilha li għandu jingħata lilha bħala rimedju, imma jispetta biss lill-Qorti li tiddetermina tali rimedju. Din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza appellata kif fuq preċitata tagħti rimedju xieraq u adegwat biex jiġi assigurat smigħ xieraq lill-appellat. Smigħ li tawgura li jiġi kondott bl-akbar speditezza possibbli;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad kemm l-appell inċidentali *kif ukoll l-appelli prinċipali u tikkonferma s-sentenza appellata bil-*preċiżazzjonijiet fuq magħmula - bl-ispejjeż ta' l-Ewwel Istanza jibqgħu kif ġa` deċiżi. Dawk ta' l-appell prinċipali jiġu ssopportati mill-appellanti waqt li dawk ta' l-appell inċidentali jiġu ssopportati mill-appellat.